RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1319

tad-29 ta' Lulju 2016

li temenda r-Rakkomandazzjoni 2006/576/KE dwar id-deossinivalenol, iz-zearalenon u l-okratossina A fl-ikel tal-annimali domestiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi,

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/576/KE [1] tistabbilixxi valuri ta' gwida għad-deossinivalenol, iz-zearalenon, l-okratossina A, il-fumoniżini B1 + B2 u t-tossini T-2 u HT-2 f'materjali tal-għalf u fl-għalf kompost.

(2) Il-livell ta' linja gwida attwali ta' deossinivalenol fl-għalf tal-klieb huwa ta' 5 mg/kg. B'kont meħud tal-informazzjoni li waslet riċentement fir-rigward tat-tossiċità tad-deossinivalenol fl-għalf tal-klieb u tal-opinjoni tal-EFSA dwar id-deossinivalenol fl-għalf [2], jidher li l-livell ta' linja gwida attwali ma jipprovdix garanziji biżżejjed fir-rigward tas-saħħa tal-annimali għall-klieb u għalhekk huwa xieraq li jitnaqqas il-livell ta' linja gwida tad-deossinivalenol fl-għalf tal-klieb.

(3) B'kont meħud tal-informazzjoni li waslet riċentement fir-rigward tat-tossiċità ta' zearalenone fl-għalf tal-qtates u tal-klieb, huwa xieraq li jiġi stabbilit livell ta' linja gwida għaz-zearalenone fl-għalf tal-qtates u tal-klieb biex jipprovdi garanziji fir-rigward tas-saħħa tal-annimali għall-qtates u għall-klieb, sakemm issir valutazzjoni tar-riskju aġġornata, li għandha titwettaq mill-EFSA, dwar ir-riskji possibbli għas-saħħa tal-annimali minħabba l-preżenza ta' zearalenone fl-għalf.

(4) B'kont meħud tal-informazzjoni li waslet riċentement fir-rigward tat-tossiċità tal-okratossina A fl-għalf tal-qtates u tal-klieb u tal-opinjoni tal-EFSA dwar l-okratossina A fl-ikel [3], huwa xieraq li jiġi stabbilit livell ta' linja gwida għall-okratossina A fl-għalf tal-qtates u tal-klieb biex jipprovdi garanziji fir-rigward tas-saħħa tal-annimali għall-qtates u għall-klieb.

(5) Sabiex tinżamm il-leġġibbiltà tad-dispożizzjonijiet fir-Rakkomandazzjoni, huwa xieraq li l-Anness tar-Rakkomandazzjoni jiġi sostitwit b'Anness ġdid.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

L-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2006/576/KE jinbidel bl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/576/KE tas-17 ta' Awwissu 2006 dwar il-preżenza tad-*Deoxynivalenol, zearalenone, Ochratoxin A, T-2* u *HT-2* u l-*fumonisins* fil-prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali (ĠU L 229, 23.8.2006, p. 7).

[2] L-Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tad-Deossinivalenol (DON) bħala sostanza mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/73

[3] L-Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-Okratossina A (OTA) bħala sostanza mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/101

ANNESS

VALURI TA' GWIDA

Mikotossina	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Valur ta' gwida f'mg/kg (ppm) għall-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
Deossinivalenol	Materjali tal-għalf (*)	
	— Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**) ħlief il-prodotti sekondarji tal-qamħirrum	8
	— Prodotti sekondarji tal-qamħirrum	12
	Għalf kompost ħlief	5
	— l-għalf kompost għall-ħnieżer	0,9
	— l-għalf kompost għall-għoġġiela (< 4 xhur), għall-ħrief, għall-gidjien u għall-klieb	2
Zearalenon	Materjali tal-għalf (*)	
	— Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**) ħlief il-prodotti sekondarji tal-qamħirrum	2
	— Prodotti sekondarji tal-qamħirrum	3
	Għalf kompost għal:	
	— qżieqeż, ħnieżer żgħar (ħnieżer nisa żgħar), ġriewi, frieħ tal-qtates, klieb u qtates għar-riproduzzjoni	0,1
	— klieb u qtates adulti li mhumiex għar-riproduzzjoni	0,2
	— ħnieżer nisa u ħnieżer għat-tismin	0,25
	— għoġġiela, baqar tal-ħalib, nagħaġ (inklużi l-ħrief) u mogħoż (inklużi l-gidjien)	0,5
Okratossina A	Materjali tal-għalf (*)	
	— Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**)	0,25
	Għalf kompost għal:	
	— ħnieżer	0,05
	— tjur	0,1
	— qtates u klieb	0,01
Fumoniżina B1 + B2	Materjali tal-għalf (*)	
	— qamħirrum u prodotti tal-qamħirrum (***)	60
	Għalf kompost għal:	
	— ħnieżer, żwiemel (*Equidae*), fniek u annimali domestiċi	5
	— ħut	10

Mikotossina	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Valur ta' gwida f'mg/kg (ppm) għall-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
	— tjur, għoġġiela (< 4 xhur), ħrief u gidjien	20
	— ruminanti adulti (> 4 xhur) u mink	50
Tossini T-2 + HT-2	Għalf kompost għall-qtates	0,05

(*) Għandha tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċereali u lill-prodotti taċ-ċereali li jingħataw direttament lill-annimali li l-użu tagħhom fir-razzjon ta' kuljum m'għandux iwassal biex l-annimal ikun espost għal livell ogħla ta' dawn il-mikotossini mil-livelli korrispondenti ta' esponiment fejn jintuża biss għalf komplut fir-razzjon ta' kuljum.

(**) It-terminu "Ċereali u prodotti taċ-ċereali" jinkludi mhux biss il-materjali tal-għalf elenkati taħt l-intestatura 1 "Qmuħ taċ-Ċereali u prodotti derivati minnhom" tal-lista ta' materjali tal-għalf imsemmija fil-parti C tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) No 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1) iżda wkoll materjali tal-għalf oħrajn li huma derivati miċ-ċereali, b'mod partikolari mill-forağġ u mill-għalf oħxon taċ-ċereali.

(***) It-terminu "Qamħirrum u prodotti tal-qamħirrum" jinkludi mhux biss il-materjali tal-għalf elenkati taħt l-intestatura 1 "Qmuħ taċ-Ċereali u prodotti derivati minnhom" tal-lista ta' materjali tal-għalf imsemmija fil-parti C tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 68/2013 iżda wkoll materjali tal-għalf oħrajn li huma derivati mill-qamħqirrum, b' mod partikolari mill-forağġ u mill-għalf oħxon tal-qamħirrum.